MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 796/2006

ZEturf Limited (C 35469)
vs
Dr. Brigitte Zammit u Dr. Franco B. Vassallo t-tnejn bhala mandatarji ta' GIE Pari Mutuel Urbain (PMU)

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti hija socjeta` registrata f'Malta li topera fis-settur tal-loghob ta' l-azzard f'distanza (*remote gaming*) kif debitament awtorizzata minn licenzja mahruga mill-Awtorita` Maltija ghal-Loghob u l-Lotteriji (LGA);
2. Illi l-attivita` kummercjali tas-socjeta` Zeturf Ltd tikkonsisti fl-offerta minn Malta lill-pubbliku dinji ta' prodotti ta' loghob ta' l-azzard fuq tlielaq taz-zwiemel, permezz ta' l-*internet*. Din l-attivita` hija svolta minn sit tal-internet registrat bhala www.zeturf.com.

3. Illi s-socjeta` intimata, GIE PMU hija awtorita` u socjeta` monopolista li taggruppa l-operaturi francizi kollha fis-settur ta' loghob ta' l-azzard fuq tlielaq taz-zwiemel, u hija regolata taht il-ligijiet francizi;

4. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti tikkompeti mas-socjeta` intimata fis-sens li l-pubbliku, ikun fejn ikun, jista' jilghab loghob ta' l-azzard fuq tlielaq taz-zwiemel fi Franza;

5. Illi ricentement, fl-ahhar ta' Gunju, is-socjeta` intimata baghtet, tramite s-socjeta` ta' avukati francizi ITEANU, ittra lil Vodafone Malta Ltd fejn allegat li s-servizz provvdut mis-socjeta` rikorrenti hija illegali u kif ukoll ordnat lill-istess Vodafone Malta Ltd biex twaqqaf is-servizzi taghha lis-socjeta` rikorrenti, u senjatament li tipprovdi access ghas-sit tas-socjeta` rikorrenti (www.zeturf.com); (kopja ta' liema ittra giet annessa mar-rikors guramentat bhala Dokument A);

6. Illi avvizi simili kienu intbaghtu lis-socjetajiet Bell Med Ltd u anche Computer Aided Technology Ltd fejn dawn l-istess socjetajiet gew imcanfra u mwiddba biex jieqfu jipprovdu s-servizzi taghhom lill-istess rikorrenti;

7. Illi jidher li avvizi simili gew mibghuta lil diverzi kumpaniji ohra kemm f'Malta u barra minn Malta;

8. Illi l-ittri fuq imsemmija, intbaghtu mis-socjeta` intimata fil-kuntest ta' diversi proceduri legali istitwiti kemm fi Franza kif ukoll f'Malta kontra s-socjeta` rikorrenti kif ukoll kontra s-socjetajiet Bell Med Ltd u Computer Aided Technologies Ltd, bil-ghan li twaqqaf jew tillimita lill-istess socjetajiet mill-ezercizju tan-negozji rispettivi taghhom, anke jekk tali attivitajiet huwa pjenament konformi mal-ligijiet u regolamenti kollha ta' Malta; liema proceduri legali qed jigu kontestati mis-socjeta` rikorrenti u l-imsemmija zewg socjetajiet ohra.

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-ittri mibghuta mis-socjeta` intimata, inkluz partikolarment dik lil Vodafone plc datata 27 ta’ Gunju 2006, jikkostitwixxu ksur ta’ l-Artikolu 34 tal-Kodici Kummercjali ta’ Malta.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attivita` tal-loghob ta’ l-azzard f’distanza tas-socjeta` attrici hija organizzata, centrata u operata minn Malta taht ir-*Remote Gaming Regulations* u a tenur tal-licenzja lilha moghtija mill-*Lotteries and Gaming Authority*.

3. Tiddikjara u tiddeciedi li skond l-istess regolamenti u l-licenzja mahruga favur taghha, is-socjeta` attrici hija intitolata toffri l-prodotti taghha ta’ *remote gaming* lil persuni ta’ kull nazzjonalita`, ikunu fejn ikunu.

B’riserva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni li s-socjeta` attrici tista’ tiehu kontra s-socjeta` konvenuta, u bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati *et noe* li biha esponew:

1. Illi in kwantu ghall-ewwel talba din ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex l-ittra tas-27 ta’ Gunju 2006 mibghuta lil Vodafone plc mill-auvkati Francizi ta’ l-intimata ma tikkostitwix konkorrenza zlejali *ai termini* ta’ l-artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta’ Malta kif jigi ampjament pruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

1.1 Illi l-ittra tas-27 ta’ Gunju 2006 hija ittra hekk imsejha interpellatorja fejn Vodafone giet mgharrfa li f’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ Parigi ta’ l-14 ta’ Gunju 2006 (kopja tas-sentenza u traduzzjoni ghall-Ingliz taghha gew ezebiti bhala Dok B1 u Dok B2 rispettivament) l-imsemmjia Qorti iddecidiet li stante li l-attivita` ta’ Zeturf Limited hija meqjusa bhala illegali b’sentenzi ohra tal-Qrati

Francizi kull min jghin f'tali illegalita` jitqies bhala accessorju u responsabbli ghad-danni;

1.2 Illi fl-ittra tas-27 ta' Gunju 2006 Vodafone giet infurmata li Bell Med Limited u Computer Aided Technologies Limited gew misjuba responsabbli ghad-danni u stante li r-rwol tal-Vodafone kien pari passu mar-rwol ta' dawn il-kumpanniji, l-istess Vodafone giet imwissija li f'kas li ma tieqafx tippartecipa f'tali illegalita` hija kienet ser tkun soggetta ghall-azzjoni legali ["*take appropriate legal action*…"]

1.3 Huwa obbligu kwazi legali li persuna tigi mwissija dwar azzjonijiet legali li potenzjalment jistghu jigu istitwiti kontriha, u *in ogni caso* zgur li tali avviz ma jinkwadrax ruhu fid-dispost tal-artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta kif jixhdu skorta ta' sentenzi u awturi.

2. Illi t-tieni talba hija insostenibbli fil-konfront ta' l-intimata u totalment vessatorja f'din il-vertenza stante li l-licenzja m'ghandha x'taqsam xejn la mal-ewwel talba u/jew lanqas mal-intimata.

2.1 Illi l-fatt li attivita` tkun licenzjata f'pajjiz ma jaghti dritt lill-ebda persuna morali jew fizika tikser ligijiet f'pajjiz iehor.

3. Illi t-tielet talba hija wkoll insostenibbli u ghandha tigi michuda bl-ispejjez ghaliex bir-rispett din il-Qorti m'ghandhiex tintuza f'din il-vertenza sabiex tinterpreta r-regolamenti u l-licenzji mahruga mill-Awtorita` dwar il-Lotteriji u l-Loghob ta' Malta.

3.1 Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li talba dikjaratorja li ma tistax tigi segwita b'xi forma ta' rimedju m'ghandhiex tigi milqugha minn din il-Qorti.

3.2 Illi l-anqas huwa koncepibbli li Stat sovran bhal Malta jippermetti, jippromwovi u jhajjar entitajiet licenzjati f'Malta jiksru ligijiet ta' pajjizi ohra.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra li jistghu jitressqu mill-intimata *et noe* skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li gew issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimata *et noe*.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Dr. Ernst-Gideon Loudon, *Chairman* tal-Bord ta' Zeturf Ltd. u qal li Zeturf Limited hija socjeta` registrata f'Malta li topera fis-settur ta' *remote gaming*. Hija ghandha licenzja mahruga mill-Awtorita` Maltija ghall-Loghob u l-Lotteriji biex toffri attivitajiet ta' *remote* gaming minn Malta lill-pubbliku dinji. Semma li l-attivita` kummercjali tas-socjeta` Zeturf Ltd tikkonsisti f'*gaming* u tlielaq taz-zwiemel permezz ta' l-*internet* u hija zvolta minn sit ta' l-*internet* registrat bhala www.zeturf.com. Qal li s-socjeta` GIE PMU hija stabbilita taht il-ligi Francizau tmexxi monopolju fit-tlielaq taz-zwiemel fi Franza. Semma wkoll li f'Gunju 2006 tramite s-socjeta` ta' avukati Francizi ITEANU, baghtet ittra lil Vodafone Malta p.l.c. fejn allegat li s-servizz provvdut mis-socjeta` rikorrenti hu illegali u ordnat lil Vodafone Malta p.l.c. biex tieqaf toffri s-servizzi taghha lis-socjeta` rikorrenti, u tieqaf tipprovdi access ghas-sit elettroniku tas-socjeta` rikorrenti. Qal li avvizi simili kienu ntbaghtu lis-socjetajiet Bell Med Ltd u Computer Aided Technology Ltd kif ukoll lil diverzi kumpaniji ohra kemm f'Malta u kif ukoll barra minn Malta. Dawn l-ittri kienu ntbaghtu fil-kuntest ta' diversi proceduri legali istitwiti kemm fi Franza kif ukoll f'Malta kontra s-socjeta` rikorrenti kif ukoll kontra Bell Med Ltd u Computer Aided Technologies Ltd, bil-ghan li

twaqqaf jew tillimita lill-istess socjetajiet mill-ezercizzju tan-negozji rispettivi taghhom anke jekk tali attivitajiet kienu konformi mal-ligijiet u regolamenti kollha ta' Malta.

Gew prezentati affidavits ta' Emanuel De Rohan Chabot, *Managing Director* ta' Zeturf Ltd u Michael Bianchi Direttur tal-RBP Investments Limited li hija *majority shareholder* f'ZEtuf Limited fejn ikkonfermaw u qablu mal-kontenut ta' l-affidavit ta' Dr. Ernst-Gideon Loudon.

Gie prezentat affidavit ta' Joseph Zammit Maempel, li kien *Chairman* tal-Lotteries and Gaming Authority mill-2003 fejn issemma li fis-7 ta' Jannar 2005, ZEturf Limited, kumpanija registrata mal-Malta Financial Services Authority kienet applikat biex tkun tista` tibda topera fir-*remote gaming* minn Malta. Semma li l-kumapanija kienet tissodisfa r-rekwiziti kollha imposti mill-Ligi Maltija u ghalhekk giet moghtija l-licenzja. ZEturf Limited bdiet topera fis-17 ta' Gunju 2005 fejn l-attivita` tal-kumpanija hija zvolta minn sit elettroniku registrat bhala www.zeturf.com. Semma li sa fejn kien jaf hu ZEturf Limited dejjem kienet konformi mal-Ligijiet ta' Malta.

Gie prezentat affidavit ta' Mario Galea, *Chief Executive Officer* mal-Lotteries and Gaming Authority mit-23 ta' Frar 2004 fejn issemma li fis-7 ta' Jannar 2005, ZEturf Limited, kumpanija registrata Malta kienet applikat ghal-licenzja fir-*remote gaming* taht ir-Remote Gaming Regulations (L.N. 176/2004). Semma li l-kumpanija kienet issodisfat u lestiet it-tliet fazijiet u fil-21 ta' Novembru 2005 inghatat il-licenzja Class 2 mill-Malta Lotteries and Gaming Authority. Semma li l-kumpanija kienet toffri *betting services* fuq l-*internet*. Qal ukoll li sa kien fejn jaf hu ZEturf Limited topera mat-*terms* u *conditions* tal-licenzja u hija in *good standing*.

Xehdet Dr. Claire Cassar, *Legal Affairs Manager* ma' Vodafone Malta p.l.c. u semmiet li l-ittra a fol 7 tal-process kienet giet ricevuta mill-Vodafone Malta u kien hemm korrispondenza ohra li huma irrispondew u sussegwentement ircevew korrispondenza ohra fejn gew notifikati li kien hemm decizjoni tal-*Court de Cassassion*.

Qalet li l-Vodafone ma hadet ebda passi ghar-raguni li ma kellha ebda relazzjoni diretta ma' ZEturf Limited.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***<u>D1. Fatti rilevanti:</u>***

Irrizulta li s-socjeta` ZEturf Limited hi registrata f'Malta u topera fis-settur tal-loghob ta' l-azzard fuq tlielaq taz-zwiemel f'distanza permezz ta' l-*internet* u hija awtorizzata minn licenzja mahruga mill-Awtorita' Maltija ghal-Loghob u l-Lotteriji, filwaqt li s-socjeta` intimata GIE Pari Mutuel Urbain (PMU) hija socjeta` li topera ukoll fuq il-*gaming*. Fis-27 ta' Gunju 2006, is-socjeta` intimata baghtet ittra tramite s-socjeta` ta' avukati Francizi ITEANU lil Vodafone Malta Limited biex twaqqaf is-servizzi taghha lill-istess ZEturf Limited.

Talbet dikjarazzjoni li l-ittri mibghuta mis-socjeta` intimata, inkluz partikolarment dik lil Vodafone p.l.c. datata 27 ta' Gunju 2006, jikkostitwixxu ksur ta' l-Artikolu 34 tal-Kodici Kummercjali ta' Malta; li l-attivita` tal-loghob ta' l-azzard f'distanza tas-socjeta` rikorrenti hija organizzata, iccentrata u operata minn Malta taht ir-*Remote Gaming Regulations* u a tenur tal-licenzja lilha moghtija mil-*Lotteries and Gaming Authority*; u li skond l-istess regolamenti u l-licenzja mahruga favur taghha, is-socjeta` rikorrenti hija intitolata toffri l-prodotti taghha ta' *remote gaming* lil persuni ta' kull nazzjonalita`, ikunu fejn ikunu.

L-intimati fost affarijiet ohra eccepew li l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghaliex l-ittra tas-27 ta' Gunju 2006 mibghuta lil Vodafone p.l.c. mill-avukati Francizi ta' l-intimata ma tikkostitwix konkorrenza zlejali *ai termini* ta' l-artikolu 34 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta, izda ittra interpellatorja fejn Vodafone giet mgharrfa li f'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' Parigi ta' l-14 ta' Gunju 2006 l-imsemmija Qorti iddecidiet li *stante* li l-attivita` ta' *Zeturf Limited* hija meqjusa bhala illegali b'sentenzi ohra tal-Qorti Francizi kull min jghin f'tali illegalita` jitqies bhala

accessorju u responsabbli ghad-danni. L-ittri ntbaghtu lis-socjetajiet Maltin kienu sabiex jieqfu jipprovdu servizzi gewwa Malta lis-socjeta` rikorrenti.

Is-socjeta` rikorrenti sostniet li s-sentenzi tal-Qrati Francizi qatt ma gew dikjarati enforzabbli gewwa Malta u dan *nonostante* proceduri li gew istitwiti quddiem il-Qrati Maltin ghal dan il-ghan. Minhabba li s-socjeta` intimata kienet qed ticcita sentenzi inapplikabbli ghal Malta bhala bazi ghat-twaqqif ta' servizz kif ukoll allegazzjonijiet f'gurisdizzjoni ohra ghal dan il-ghan, is-socjeta` rikrorenti hasset ruhha aggravata *ai termini* ta' l-Artikolu 34 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta` rikorrenti sostniet li in vista tal-fatt illi l-proceduri barra minn Malta ma kienux gew infurzati gewwa Malta u ghalhek kienu ineffettivi. Inoltre l-ilmenti tas-socjeta` intimata kif riflessi fl-ittri taghha kienu jirrigwardaw operat tas-socjeta` rikorrenti li kien kopert bil-permess u l-awtorizzazzjoni necessarja da parti ta' l-Awtoritajiet Maltin, u l-uniku skop ghall-ittri da parti tas-socjeta` intimata kienet biss dik illi toskura lis-socjeta` rikorrenti.

Skond is-socjeta` intimata, *ai termini* tal-ligi Franciza, kumpaniji li mhumiex membri tal-PMU ma setgħux joffru servizz ta' mhatri (*betting*) fuq tigrijiet taz-zwiemel gewwa Franza. Xi kumpaniji Maltin, fosthom ir-rikorrenti f'din il-kawża Zeturf Limited, kienu joffru servizzi ta' "*remote gaming*" fis-sens illi kienu joffru fuq l-*internet* imħatri rigward dawn it-tiġrijiet ta' żwiemel. PMU kienet fetħet diversi proċeduri ġewwa Franza illi fihom ġie deċiż illi dan l-aġir kien bi ksur tal-liġijiet Francizi. Fit-8 ta' Lulju 2005 il-Qorti Regjonali ta' Parigi laqghet it-talbiet ta' PMU u ordnat lil ZEturf twaqqaf l-operat taghha, liema ordni kienet konfermata mit-*Tribunal De Grande Istance De Paris* fl-10 ta' Frar 2006. PMU kienet ukoll intavolat proceduri kontra Computer Aided Technologies Limited u Bell Med Limited, li dawn kienu joffru servizzi tekniċi (*service providers*) lil ZEturf biex b'hekk setgħet topera l-*website* tagħha www.zeturf.com. Fl-14 ta' Ġunju, 2006 il-Qorti ta' l-Appell ta' Pariġi tat sentenza li permezz tagħha reġgħet ikkonfermat l-ordni tat-8 ta' Lulju, 2005 mogħti fil-konfront ta' ZEturf Limited u barra minn hekk sabet illi l-

imsemmija Computer Aided Technologies Limited u Bell Med Limited kienu huma wkoll responsabbli għal ksur tal-liġijiet Franċiżi u ġew ordnati jħallsu danni lil PMU ta' €210,000 u €50,000 rispettivament. Is-socjeta` intimata sostniet li kien wara din is-sentenza li ntbagħtet l-ittra tas-27 ta' Ġunju, 2006 li skond l-istess intmiata mhijiex ħlief "ittra legali" jew "interpellatorja" mibgħuta lil Vodafone fejn, wara li ġiet infurmata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Franċiża, ġiet mitluba tiddezisti milli tibqa' toffri servizzi lil ZEturf Limited bi ksur tal-liġijiet Franċiżi u l-ordni tal-Qorti Franċiża. L-ittra lil Vodafone Malta Limited intbagħtet in vista tar-referenza li saret fis-sentenza għad-*domain* vodafone.com.mt.

Ghalhekk il-bazi tal-kawza odjerna hija l-artikolu 34 (1) tal-Kap 13 bazat fuq il-fatt li s-socjeta` rikorrenti tallega li l-kumpanija intimata "xerrdet notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc" taghha fis-sens ta' l-artikolu 34(1) tal-Kap 13.

***<u>D2. Artikolu 34 tal-Kodici tal-Kummerc:</u>***

Din il-Qorti kif presjeduta gja kellha l-okkazjoni recentement li tistudja l-elementi ta' l-artikolu 34 tal-Kap 13, u dana fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Caruana & Sons Limited vs Christopher Caruana** (Citazz. Nru. 573/05FS), deciza fl-24 ta' Settembru 2010 fejn qalet:
"L-Artikolu 34 (1) tal-Kodici tal-Kummerc jghid:
"il-kummercjanti ma jistghux, ghal skop ta' konkorrenza, ixerrdu notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjanti ohra."

Fil-kawza **Joseph Vella noe vs Anthony Guillaumier et *noe*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Dicembru, 2000 [LXXXIV-II-I-II-14] il-Qorti irriteniet illi l-attur kellu jipprova li l-konvenut kien xandar notizji u li dawn in-notizji setghu jaghmlu hsara lill-industrija ta' haddiehor. Minn zmien il-Qrati dejjem bhala regola irritenew b'xi eccezzjonijiet rari fejn ic-cirkostanzi kienu wkoll diversi li wiehed ikollu agenzija anke esklussiva ghall-importazzjoni ta' oggetti ma kenitx teskludi l-possibilita` li haddiehor jimporta l-istess oggetti f'Malta u li dan l-att fih innifsu ma kienx jammonta ghal konkorrenza zleali. Jekk hu lecitu li

wiehed jimporta merkanzija biex ibieghha f'Malta *nonostante* li haddiehor kellu l-agenzija anke jekk esklussiva ghall-importazzjoni ta' dak it-tip ta' merkanzija, daqstant iehor huwa lecitu li wiehed jirreklama l-istess merkanzija ghall-bejgh. Jista' biss jitqies li hekk qed jaghmel jekk f'dak ir-reklamar ikun qed ixerred notizji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija u dik il-hsara ma tistax tigi identifikata mill-fatt biss ta' importazzjoni ghax dak hu lecitu.

Fil-kawza **Edward Vincenti Kind *pro et noe* vs Joseph Manche *pro et noe*** deciza fl-10 ta' Dicembru 1957 [XLI-III-1259] mill-Qorti tal-Kummerc inghad li mhuwiex necessarju li n-notizzji divulgati jkunu foloz u l-anqas huwa necessarju li l-kummercjant li jsofri d-dannu jipprova li huwa sofra danni:
"Wahda mill-figuri ta' konkorrenza sleali kontemplati mill-ligi taghna hija d-diffuzjoni, maghmula ghal skop ta' konkorrenza, ta' notizzji li jistghu jaghmlu hsara lill-industrija jew kummerc ta' kummercjant iehor. Il-ligi taghna **ma tezigix illi l-fatti divulgati jkunu falsi**, u tippunixxi anki d-diffuzjoni ta' fatti veri; il-verita' jew falsita' tal-fatti attribwiti tista' biss tinfluwixxi fuq il-magguri jew minuri mizura tas-sanzjoni li tigi applikata ghall-kaz. Pero', il-ligi trid l-intenzjoni specifika fil-propalatur, jigifieri f'dak li jaghmel il-konkorrenza sleali; u l-apprezzament ta' dan l-element jigi dezunt mill-kumpless tac-cirkustanzi, u huwa mholli ghall-arbitriju prudenzjali tal-gudikant. Meta l-kummercjant li sofra l-konkorrenza sleali jaghzel l-azzjoni ghall-penali, ma ghandux bzonn jipprova hlief il-fatt vjolatur, minghajr in-necessita' li jipprova li huwa sofra danni. Il-penali ma ghandhiex tkun anqas minn Lm10, imma mhux izjed minn Lm500; u din il-latitudini hija necessarja, biex il-gudikant ikun jista' japplika dik il-penali li tkun tidhirlu l-aktar adegwata skond il-kaz partikulari, billi jiehu in konsiderazzjoni l-kobor tal-fatt, iz-zmien li dam sejjer, il-mala fede tal-kontravventur, u c-cirkustanzi partikulari l-ohra ta' kull kaz."

Is-sentenza fl-ismijiet **Alfred Gera & Sons Limited vs Mario Casingena et** deciza fit-8 ta' Ottubru 2004 minn din il-Qorti diversament presjeduta [Imh. Valenzia] stabbiliet

erba’ elementi necessarji ghas-success ta’ azzjoni ibbazata fuq l-Artikolu 34. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

i. Il-konvenut irid ikun kummercjant.;
ii. Huwa jrid ikun agixxa b’intenzjoni specifika;
iii. Irid ikun hemm tixrid tan-notizji; u
iv. Li dan it-tixrid tan-notizji jrid ikun jista’ jaghmel hsara lin-negozju ta’ l-attur.

Fin-nota tieghu l-konvenut qabel li dawn huma l-elementi li jridu jiġu ippruvati sabiex tirnexxi l-azzjoni ta’ konkorrenza zleali.

Dwar din is-sentenza l-konvenut hass il-bzonn li jikkwota din il-parti biex jenfasizza l-elementi msemmija:
“l-intenzjoni tal-konvenut fit-tixrid tan-notizji dwar l-attur jew il-prodotti tal-attur trid tkun ghall-iskopijet ta’ konkorrenza sabiex jitqies li kien hemm konkorrenza illeċita. Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet “**Mizzi vs Vella**’ (22.1.1968) qalet is-segwenti: “Element essenzjali ghall-figura tal-konkorrenza sleali kontemplata fl-Artikolu 38 (issa 34) tal-Kodiċi tal-Kummerċ huwa l-iskop tal-konkorrenza sleali. Il-ligi tirrikjedi l-intenzjoni speċifika f’min jippropaga l-fatti, jiġifieri l-intenzjoni li jagħmel konkorrenza sleali.” Li qalet ukoll: “Ikun hemm l-iskop ta’ konkorrenza kull meta l-att kontemplat f’dik id-disposizzjoni jsir, fl-ezerċizzju u in konnessjoni ma’ l-ezerċizzju tal-kummerċ jew industrija ta’ kummerċjant bl-iskop li jippromuovi l-interessi tieghu”. Meta it-tixrid ta’ notizzji isir fl-ezerċizzju tan-negozju jitqies li jkun hemm l-intenzjoni li wieħed jikkompeti jew jikkonkorri. Il-Qrati dejjem irritenew li l-intenzjoni li wieħed jikkompeti jew jikkonkorri jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi ta’ kull kaz...” Il-ligi trid illi l-intenzjoni speċifika fil-propagaturi, jigifieri f’dak li jagħmel il-konkorrenza sleali, u l-apprezzament ta’ dan l-element jigi dezunt mill-kumpless taċ-ċirkostanzi u huwa mħolli għall-arbitriju prudenzjali tal-ġudikant” (**Vincenti Kind vs Manche** 10.13.1957 Vol. XLI.iii.1259).”

Issa r-reputazzjoni jew *il-goodwill* fid-dinja tal-kummerc huma ta' valur inestimabbli u l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 34 trid tipprotegi dan id-dritt propjetarju.

Il-konvenut irid ikun mhux biss kummercjant izda wkoll kompetitur tas-socjeta`attrici; *inoltre* l-intenzjoni specifika rikjesta fit-tieni element tirrizulta ippruvata bis-semplici prova li t-tixrid tan-notizzji in kwistjoni jservu ghall-fini ta' konkorrenza bejn is-socjeta` attrici u l-istess kummercjant.

L-intenzjoni tal-konvenut fit-tixrid tan-notizji dwar l-attur jew il-prodotti tal-attur trid tkun ghall-iskopijet ta' konkorrenza sabiex jitqies li kien hemm konkorrenza illecita. Il-konvenut irid ikollu l-iskop li jippromuovi l-interessi tieghu. Il-ligi ma tirrikjedix li jrid ikun hemm l-intenzjoni li jigu kawzati danni, id-danni huma biss konsegwenza tat-tixrid tan-notizji izda min jaghmel dan l-agir mhux necessarjament irid ikollu l-intenzjoni li jikkawza danni, huwa sufficjenti li jigi pruvat li huwa agixxa b'dak il-mod ghall-iskopijiet ta' konkorrenza.

Hu wkoll necessarju li jkun hemm tixrid tan-notizji divulgat lil diversi nies. Dan it-tixrid tan-notizji irid ikun jista' jaghmel hsara lin-negozju ta' l-attur.

Fl-azzjoni kontemplata mill-artikolu m'huwiex necessarju li jigi ippruvati d-danni. Ikun hemm kaz ta' konkorrenza zleali anki meta n-notizji jistghu jaghmlu hsara u ghalhekk mhux ta' htiega li dawn in-notizji waslu sabiex jikkawzaw il-hsara intiza. Il-konkorrenza zleali tezisti anki meta kummercjant ixerred notizji li jkunu veri."

Fin-nota taghha a fol 156, l-intimata ssostni li:
"Issa jidher mill-każistika fuq riportata li t-terminu "tixrid ta' notizzji" fis-sens tal-Artiklu 34 għandu sens speċifiku ħafna u dejjem ġie interpretat li jirreferi għal allegazzjonijiet **dwar in-natura u l-kwalità tal-prodott u tas-servizz mibjugħ mir-rikorrenti.** F'**Debono v Coppini** l-allegat "tixrid ta' notizzji" kien jikkonsisti fi *quotations* mibgħuta mill-konvenuta lill-klijenti tal-attriċi illi kienu juru illi l-konvenuta kienet tbiegħ l-istess prodotti bi prezz aħjar. Dan, skond il-Qorti, <u>**ma kienx**</u> jikkostitwixxi ksur tal-Artiklu 34 għaliex in-"notizzja", għalkemm mibgħuta minn negozjant għal skopijiet ta' kompetizzjoni, ma kinitx tattakka l-prodott innifsu.

Illi f'dan ir-rigward element illi jissemma **f'Alfred Gera & Sons et v Casingena** huwa dak tal-isfruttament tal-*goodwill* ta' ħaddieħor – hemm għalhekk ir-rekwiżit illi l-intimat ikun abużivament ippromwova prodott tiegħu a skapitu ta' *goodwill* illi r-rikorrent ikun tħabat biex jibni matul iż-żmien. L-iskop aħħari tat-tixrid tan-notizzji għandu jkun illi negozjant, **m'mod żleali**, jgiegħel lill-konsumatur jaħseb li l-prodotti jew servizzi minnu forniti huma ta' kwalita' ahjar minn dawk tal-kompetitur tiegħu u dan a skapitu tar-reputazzjoni ta' l-istess kompetitur. Huwa impliċitu f'dan ir-raġunament illi l-persuni li jirċieva n-"notizzja" għandhom ikunu klijenti jew klijenti prospettivi tar-rikorrenti."

F'dan l-istadju huwa interessanti li wiehed jikkwota dak li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet fil-kawza **Bell Med Ltd vs Pari Mutuel Urbain (PMU), entita` estera**, fit-18 ta' Settembru 2009:
"...*la minaccia di venire alle vie legali*", m'hijiex theddida u bl-ebda mod ma tinficja fuq il-kunsens ta' dak li jkun (Vol. XXVIII.III.879)..."

Fil-kaz in ezami, wara d-dikjarazzjoni ta' responsabbilta` mill-Qrati Francizi li jekk wiehed jippermetti li ZEturf topera l-*website* taghha ikun qed jikser il-ligi Franciza, saret l-ittra ta' l-intimata biex Vodafone Malta Limited tieqaf tipprovdi servizzi lil ZEturf. Hawnhekk m'ghandniex tixrid ta' ahbarijiet lill-klijenti ta' ZEturf. L-ittra ma ntbaghtitx b'mod indiskriminat u generali lill-klijenti kollha ta' ZEturf, u ghalhekk hemm nieqes l-element ta' pubblicita` lil diversi nies. Me hemmx tixrid ta' ahbarijiet intizi biex igerrxu lill-klijenti ta' ZEturf. Hemm stqarrija li min jagixxi ta' *provider* ikun qed jikser il-ligi Franciza in segwitu ta' sentenza tal-Qrati Francizi u l-intimata kienet qed tagixxi ghall-protezzjoni tad-drittijiet legittimi taghha. Hu relevanti wkoll l-aspett li fil-kaz ta' *website*, din tista' tigi milhuqa mid-dinja kollha, u ghalhekk in nuqqas ta' enforzabilita` taghha fil-Qrati Maltin mhix sufficjenti biex twassal ghat-talba tar-rikorrenti.

Sewwa gie osservat li jekk wiehed kellu jadotta l-kriterji mitluba mir-rikorrenti, wiehed jispicca biex jikkonkludi li kull protest, ittra ufficjali u atti ohra tal-Qorti prezentati minn kummercjant kontra kompetitur tieghu jwasslu ghall-ksur tal-Kap 13 artikolu 34 – haga li certament ma taghmilx sens.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata.

***D3. Talba ghal dikjarazzjoni attivita` socjeta` rikorrenti taqa' taht ir-Remote Gaming Regulations a tenur tal-licenzja:***

Riferibbilment ghat-tieni talba tar-rikorrenti, u cioe` t-talba ghal dikjarazzjoni li l-attivita` tal-loghob ta' l-azzard f'distanza tas-socjeta` rikorrenti hija organizzata, centrata u operata minn Malta taht ir-*Remote Gaming Regulations* u a tenur tal-licenzja lilha moghtija mill-*Lotteries and Gaming Authority*, l-intimata laqghet billi eccepiet l-insostenibilita` fil-konfront ta' l-intimata tali talba, u dan ukoll in vista tal-fatt li l-licenzja m'ghandha x'taqsam xejn mal-ewwel talba.

Wiehed hawnhekk irid jiddistingwi bejn licenzja u drittijiet ta' azzjoni.

Din it-tieni talba u l-eccezzjonijiet relativi ghaliha ma jsegwux mal-ewwel talba, u infatti din it-talba ma jistax ikollha bhala pedament taghha l-artikolu 34 tal-Kap 13.

Izda huwa ferm aktar importanti li biex il-Qorti taghmel dikjarazzjoni ta' din in-natura jrid ikollha bhala parti fil-kawza lill-Gaming Authority, li certament mhix parti fil-kawza. Ukoll, li kieku l-Awtorita` msemmija qieghedha parti fil-kawza, zgur li kien jigi sollevat il-genericita` tat-talba. Ukoll, ma' dan kollu, x'piz jista' jinghata ghall dak sostnut mill-intimata f'dikjarazzjoni ta' din in-natura! Mid-depozizzjoni moghtija minn Mario Galea u Dr. Zammit Maempel jirrizulta li r-rikorrenti kellha licenzja valida, izda licenzja ma jfissirx li qrati barranin m'ghandhomx il-fakulta` jqisu l-agir ta' socjeta` bhala wiehed illegali. L-ittra mibghuta lil Vodafone Malta Limited issemmi li skond

is-sentenza tal-Qorti Franciza, ir-rikorrenti ma setghetx toffri servizzi ta' *internet betting* fuq tigrijiet ta' zwiemel li ksiru fi Franza u li naturalment *service provider* jesponi ruhu ghad-danni gol-pajjiz koncernat, ossija Franza, jekk ma jikkonformax ruhu ma' tali decizjoni.

Ghalhekk hawn ukoll tilqa' t-tieni eccezzjoni.

***<u>D4. Talbiet tar-rikorrenti dwar dikjarazzjoni li hi intitolata toffri prodotti ta' remote gambling lill-persuni ta' kull nazzjonalita`, jkunu fejn ikunu:</u>***

Dwar it-tielet eccezzjoni u cioe` li t-tielet talba u cioe` dik ta' dikjarazzjoni li skond l-istess Regolamenti l-licenzja mahruga favur taghha s-socjeta` rikorrenti hija intitolata toffri prodotti taghha ta' *remote gambling* li persuni ta' kull nazjonalita` u li tali talba ghandha tigi michuda minn din il-Qorti ghax il-Qorti m'ghandhiex tintuza biex f'din il-vertenza tinterpreta regolamenti u licenzji mahruga mill-Awtorita` Dwar il-Lotteriji u Loghob, jinghad li hawn ukoll hemm in-nuqqas ta' l-istess Awtorita` bhala parti fil-kawza. Il-Qorti ma giet moghtija ebda informazzjoni partikolari dwar il-licenzja tar-rikorrenti u x'modalitajiet ghandha. Anqas ma giet prodotta l-Awtorita` biex tghid xi drittijiet ghandha ta' *remote gambling*. Ma hemmx konnessjoni mal-artikolu 34 tal-Kap 13. Ukoll, il-Qorti ma taghmilx dikjarazzjonijiet akkademici izda biss kif inghad **f'Edrichton Estates Limited vs Munroe Philips & Co Limited**, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-2 ta' Ottubru 2003 li talbiet dikjaratorji jistghu jsiru biss mill-Qorti jekk "dawn ikunu pre-ordinati ghal domanda definittiva u finali". Inghad ukoll fil-kawza **Bezzina *noe* vs Direttur tal-Kuntratti *et***, deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2006 li "l-qrati ma jistghux jaghtu semplici dikjarazzjonijiet li jkunu pre-ordinati ghal rimedji li ma jistghux jinghataw". Ara wkoll f'dan is-sens **Giuffrida *noe* vs Borg Olivier**, deciza fil-5 ta' Mejju 1967.

Ma hemmx konnessjoni bejn l-ewwel talba mat-tieni u t-tielet u certament m'humiex ser iwasslu lir-rikorrenti ghal ebda konkluzjoni. Fl-ahharnett jinghad li t-talba ghal dikjarazzjoni biex ir-rikorrenti intitolata toffri lill-persuni ta'

kull nazzjonalita` jkunu fejn ikunu certament tezorbita l-kompetenza tal-Qorti.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghar-ragunijiet imsemmija taht “D2” hawn fuq, il-Qorti tilqa’ l-ewwel eccezzjoni moghtija.

Ghar-ragunijiet imsemmija taht “D3” hawn fuq, il-Qorti tilqa’ t-tieni eccezzjoni moghtija.

Ghar-ragunijiet imsemmija taht “D4” hawn fuq, il-Qorti tilqa’ t-tielet eccezzjoni moghtija.

Spejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------